# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju 2025

**Avviż Nru: 162/2023**
**Nru fuq il-Lista: 1**

**Ashraf Elshenawy (K.I. 115230A)**

**vs**

**Mustafa Abuseadah (K.I. 319503L) f'ismu personali u in rappreżentanza tas-soċjeta' Elite Network International (C-76838)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tal-attur imressaq fit-30 ta' Ġunju 2023[1], flimkien mad-dokument hemm anness, fejn ġie premess u mitlub hekk:

> *u tgħid il-għaliex m'għandekx tkun ikkundannat li **tħallas is-soma globali ta' erbatax-il elf u seba mitt ewro (€14,700) dovuti lill-esponenti rappreżentanti servizzi ta' trasport lill-impjegati fi ħdan is-soċjeta Elite***

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

***Network International rappreżentanta minnek, minn destinazzjoni għal oħra kif ukoll servizz ta' preparamenti ta' dokumentazzjoni u organizzazzjoni neċessarja u meħtieġa minn kumpanija ossia s-soċjeta' Elite Network International rappreżentata minnek kif jidher l-anness fattura immarkat "DOK A" u kif ser jirriżulta f'aktar dettall matul it-trattazzjoni ta' din il-kawża bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż tal-avviż preżenti, tal-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru ta' referenza 1230/2023 u tal-mandat ta' sekwestru bin-numru ta' referenza 1266/2023 kontra l-intimat li minn issa nġunt in subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-istess attur.***

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Lulju 2023[2].

Rat ir-risposta tal-konvenut f'ismu proprju u in rappreżentaza tas-soċjeta' konvenuta imressqa fit-13 ta' Settembru 2023[3].

Rat dak li seħħ fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2023[4], fejn ġie dikjarat li hemm il-possibilita' ta' tranżazzjoni.

Rat in-nota tat-18 ta' Ġunju 2024[5] tal-attur kontenenti tlett affidavits, dak tiegħu personali[6], ieħor ta' Hemanta Bhandari[7] u ieħor ta' Sherif Mohamed Elshenawy[8].

[2] A fol 3 tal-proċess.
[3] A fol 9 *et seq* tal-proċess.
[4] A fol 13 tal-proċess.
[5] A fol 17 tal-proċess.
[6] A fol 18 *et seq* tal-proċess.
[7] A fol 22 tal-proċess.
[8] A fol 24 *et seq* tal-proċess.

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2024[9], fejn xehed Stephen Cachia bħala rappreżentant tat-Transport Malta[10], xehed Isaac Micallef bħala rappreżentant ta' Identita'[11], u fejn ġie imressqa nota mill-konvenut kontenenti tlett affidavits – wieħed tiegħu personali[12], ieħor ta' Kirsten Dalmas[13] u ieħor ta' omm il-konvenut Mahdeya S.A. Alnawati[14].

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-6 ta' Frar 2025[15] fejn xehdet Kirsten Dalmas.

Semgħat ix-xhieda in kontro-eżami tal-attur waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2025[16].

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-11 ta' April 2025[17] fejn seħħet it-trattazzjoni orali[18] bejn id-difensuri tal-partijiet u meta l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi qabel xejn il-Qorti tqis li għandha tibda billi tagħmel rijepilogu qasir tax-xhieda u provi li jsawru dan il-każ. Ix-xhieda u l-provi kienu in breve dawn li jsegwu.

---

[9] A fol 32 tal-proċess.
[10] Xhieda relattiva tinsab a fol 34 tal-proċess.
[11] Xhieda relattiva tinsab a fol 38 *et seq* tal-proċess.
[12] A fol 55 *et seq* tal-proċess.
[13] A fol 60 tal-proċess.
[14] A fol 61 *et seq* tal-proċess.
[15] A fol 63 tal-proċess.
[16] Xhieda relattiva tinsab a fol 71 *et seq* tal-proċess.
[17] A fol 102 tal-proċess.
[18] Verżjoni traskritta tinsab a fol 103 *et seq* tal-proċess.

**<u>Provi</u>**

Illi f'dawn il-proċeduri xehed l-attur **Ashraf Sherif Mohamed Elshenawy**. Fl-affidavit tiegħu[19] jispjega li hu fis-sena 2019 kien beda jaħdem bħala *self-employed taxi driver* mal-Bolt. Iltaqa' mal-konvenut fl-2020. Il-konvenut kellu *temping agency* bl-isem ta' Elite Network International fejn xogħlha hu li tippustja ħaddiema minn tagħha f'entitajiet u ħwienet oħrajn. Fis-sena 2021 jgħid li kien beda jaħdem mal-kumpanija tal-konvenut fuq bażi *part-time self-employed*, fejn xogħolu kien jikkonsisti li jwassal l-impjegati mir-residenza tagħhom għax-xogħol u *vice versa*. Lejn l-aħħar tal-2021 u bidu tal-2022 din il-kumpanija bdiet tqum fuq saqajha u jgħid li l-konvenut kien talbu jaqleb għal bażi *full time* sabiex jibqa' jwassal lill-impjegati u sabiex joqgħod fl-uffiċċju jaħdimlu l-karti, japplikalu għall-ħaddiema, jipprepara d-dokumenti, u dan ix-xogħol kien jeħodlu bejn għaxar u tnax-il siegħa kuljum. Jgħid li ż-żmien kien għaddej iżda l-konvenut ma kienx qed iħallsu, u hu kien saqsieh dwar dan. Jgħid li l-konvenut kien qallu li l-paga kienet dik ta' €14,000 fis-sena, iżda hu kien għażel li l-paga tidħollu fix-xahar, ċioe' €1166 fix-xahar. Il-konvenut kien baqa' jġiblu ħafna skużi, u li ma kienx b'qagħda tajba finanzjarjament. Jgħid li peress li missieru kien ħabib tal-konvenut, hu kien informa lill-missieru li dan ma kienx qed iħallsu, u missieru prova jċempillu f'dan ir-rigward imma għal xejn. Jgħid li hu jrid iħallas ukoll manteniment tat-tifel. Ix-xhur baqgħu għaddejjin, u baqa' jissaporti u baqa' jaħdem mas-soċjeta' konvenuta għax il-konvenut dejjem ittamah li ser iħallsu. Jgħid li biex ipatti mbagħad beda jmur filgħaxijiet jaħdem mal-Bolt biex idaħħal xi ħaġa tal-flus. Ikompli li wara ftit xhur kien kellem lil Hemanta Bhandari, impjegat tal-konvenut, u dan kien qallu li anke hu kellu problemi bil-ħlas ta' paga u għal din ir-raġuni kellu jirreżenja. Jgħid li minkejja li kien ħareġ *invoice* il-konvenut xorta ma agixxiex biex iħallsu, u kien għal din ir-raġuni li

[19] A fol 18 *et seq* tal-proċess.

kellu jiftaħ din il-kawża. Hu kien waqaf jgħati s-servizzi tiegħu lill-konvenut f'Jannar 2023.

Illi l-istess **Ashraf Sherif Mohamed Elshenawy** iddepona wkoll f'kontro-eżami. Hawnhekk,[20] jispeċifika li t-talba tiegħu hija magħmula fuq servizzi ta' trasport. Jgħid li meta kien jaħdem mal-konvenut Y plate fuq ismu ma kellux iżda llum għandu. Jikkonferma li hu qatt ma kien reġistrat bħala impjegat mas-soċjeta' konvenuta, u lanqas kien fuq il-*payroll,* il-ftehim kien biss bil-kliem peress li kien *self-employed* bħala *taxi driver* u qatt ma kien hekk bħala office administrator jew office manager. Jgħid li hu kien kiseb numru tal-VAT fl-2019 u dan kien għamlu bħala *taxi owner and related,* u jgħid ukoll li kien eżentat mill-VAT. Mistoqsi dwar x'inhi r-raġuni li hu kien żamm fil-VAT fl-*invoice* maħruġa minnu jgħid li din il-fattura ma kienx għamilha hu, u kien sar żball, u li hu huwa eżentat mill-VAT u għalhekk din ma kellhiex titniżżel. Jgħid li anke l-fatt li tniżżlu l-ittri 'MT' quddiem in-numru tal-VAT tiegħu personali kienu żball tas-sistema. Kien għamel iktar minn sentejn u nofs jgħid lill-konvenut u jtih is-servizzi, u kien sar kollox bil-kelma, u skont dak li wegħdu l-konvenut hu għandu jirċievi €14,000. Mistoqsi xi jkopru s-€7,000 u €7,000 imniżżlin fil-fatturi jgħid li hu kien imur iġib timbri mingħand l-Avukat u kien ikollu l-*commission*. Jgħid li meta kien kellem lill-Avukat tiegħu dwar il-kwistjoni dan kien talbu *invoices*, u dan għamel hekk biex jieħu flusu u drittijiet tiegħu. Jgħid li kien għamel perjodu, ċioe is-sena 2022 fejn jgħix mal-konvenut, mingħajr kuntratt, bil-kelma biss u hu ma kien iħallas xejn ta' dan. Jgħid li l-konvenut qatt ma talbu xejn għax kien jaqtahhomlu milli għandu jagħtih. L-erbatax-il elf ewro (€14,000) li qed jitlob ma jinkludux it-tnaqqis li qed isemmi għaliex dik hu ma jidħolx fiha. Jgħid li anke l-karozza kien jissellef mingħand il-konvenut, pero' jgħid li hu kellu karozza għaliex għalkemm il-karozza Y plate li kellu ma kinitx tiegħu, din kienet tkun miegħu 24 siegħa, u l-

[20] A fol 71 *et seq* tal-proċess.

konvenut kien ikkonvinċieh biex imur miegħu. Ftit jsosstni li hu qatt ma kien jissellef il-karozza tal-konvenut. Jikkonferma li llum hu u Hemanta Bhandari fetħu kumpanija li tagħmel l-istess xogħol in kompetizzjoni ma dak tas-soċjeta' konvenuta. Jgħid li mhux minnu li hu għamel din il-kawża wara li ġie kkundannat li għandu jħallas €7,000 lill-konvenut fi proċeduri legali oħrajn. Fir-rigward tas-somma ta' €700 rappreżentanti l-VAT jgħid li meta dawn jiġborhom hu jmur jiddikjarhom. Lil Hemanta Bhandari sar jafu peress li kien jaħdem mal-konvenut, u dan kien qal li wkoll kellu l-paga b'lura u kellu jirreżenja. Jgħid li l-karta tal-identita' tiegħu qatt ma kienet reġistrata fuq l-indirizz tal-konvenut, iżda ftit wara jgħid li din kienet hekk għal ftit xhur.

Illi xehed **Hemanta Bhandari** bil-mezz tal-affidavit[21]. Jibda billi jispjega li hu kien beda jaħdem mas-soċjeta' konvenuta f'Diċembru 2021 bħala *Team Leader*. Hu kien iltaqa' mal-attur fl-uffiċini tas-soċjeta' konvenuta. Hu kien jingħata ordnijiet mingħajr il-konvenut fir-rigward ta' fejn iridu jitwasslu l-impjegati u minn fejn iridu jinġabru, u hu kien jgħaddi din l-informazzjoni lill-attur. Jgħid li fil-bidu kien fuq bażi *part-time*. Wara xi tlett xhur kien beda jara lill-attur aktar spiss, anke jagħmel xogħol fl-uffiċċju – jipprepara dokumenti, jagħmel timbri, u jibgħat dokumenti bid-DHL. Jgħid li l-attur kien jaħdem ħafna, iżda ta' dan ma kienx qed jitħallas, u hu kien jgħidlu biex ikellem lill-konvenut għaliex il-ħajja qed tgħola u għandu tifel xi jmantni. Jgħid li sa ftit xhur ilu kien saqsa lill-attur jekk kienx tħallas u dan wieġbu fin-negattiv.

Illi xehed ukoll **Sherif Mohamed Elshenawy Ayed** bil-mezz tal-affidavit[22]. Filwaqt li jgħid, li jiġi missier l-attur, jispjega li ibnu bejn is-sena 2019 u 2021 kien jaħdem bħala *self-employed driver* mal-Bolt, imbagħad fl-2020 kien iltaqa mal-konvenut li kien ikkonvinċieħ jibda jaħdem mal-kumpanija tiegħu fuq bażi

[21] A fol 22 tal-proċess.
[22] A fol 24 *et seq* tal-proċess.

*part-time self-employed* bħala *service provider.* Xogħolu kien li jwassal lill-impjegati. Jgħid li hu ltaqa' l-ewwel darba mal-konvenut fl-2021, meta ibnu kien qed jaħdem miegħu u spiss kienu jiltaqgħu bħala ħbieb. Ikompli li lejn l-aħħar tal-2021 u bidu tal-2022 ibnu qallu li l-kumpanija tal-konvenut kienet qiegħda tikber u li kien offrielu li jaqleb *full-time* miegħu, fejn apparti li jkun qed iwassal lill-impjegati, ikun qed jagħmel ukoll xogħol fl-uffiċċju filgħodu. Jgħid li t-tifel emmen f'dan u kien telaq minn mal-Bolt, u f'dan il-mument hu kien ċempel lill-konvenut hu qallu biex jimxi ta' raġel ma ibnu. Jgħid li f'Marzu 2022 l-attur kien infurmah li fil-waqt li kien qed jaħdem *full-time* mal-konvenut, dan ma kienx qed iħallsu, minkejja li kellhom ftehim li dan kien ser jitħallas €1,166 fix-xahar, u dan kien qallu biex jipprova jissaportieh ftit. Iżda hu xorta waħda kien ċempel lill-konvenut biex jgħidlu li ibnu għandu jitħallas mill-aktar fis peress li għandu l-ispejjez u għandu tifel xi jmantni. Jgħid li l-konvenut kien qallu li l-paga ser ikun qed jagħtihielu kull 3 xhur mhux kull xahar. Jgħid li l-konvenut kien jgħidlu li ma kellux flus. Minkejja li kienu għaddew 3 xhur, ibnu xorta kien baqa' ma tħallasx, u għalkemm kien baqa; jipprova jċempillu dan ma kienx iwieġbu. Ikompli li f'April 2022 kienu marru jieħdu kafe' flimkien u li l-konvenut kien wegħdu li ser jipprova jirranġa fuq il-flus li kellu jagħti lill-ibnu ta' xogħolu – iżda hu kien informa lill-ibnu li hu ma kienx qed jafda lill-konvenut. Jgħid li ftit xhur ilu kien staqsa lill-ibnu kif kien baqa u ibnu qallu li baqa' ma tħallasx.

Illi xehed **Stephen Cachia bħala rappreżentant tat-Transport Malta**[23]. Dan sempliċiment jgħid li mir-riċerka li għamel fis-sistema ma jirriżultax li hemm jew qatt kien hemm Y plates reġistrati fuq isem l-attur.

Illi xehed **Isaac Micallef bħala rappreżentant ta' Identita'**[24]. Dan ressaq informazzjoni dwar l-indirizzi kollha li għex fihom l-attur fi żmien li ilu Malta.

[23] A fol 34 tal-proċess.
[24] A fol 38 *et seq* tal-proċess.

Illi xehed il-konvenut **Mustafa Abuseadah**, inizjalment bil-mezz tal-affidavit[25]. Jibda billi jispjega illi hu kien iltaqa mal-attur fl-2018 fejn kien qed jaħdem f'ħanut tal-ikel. Jgħid li dawn kienu bdew jingwalawha, u kien qallu li hu għandu tifel ma' mara Maltija. L-attur kien qallu li l-*istatus* tiegħu ta' refuġġjat kien ġie rifjutat u dan kien tah il-parir japplika bħala ġenitur tal-ċittadin Malti. Jgħid li kienu anke jgħixu flimkien f'appartament il-Kalkara għal ftit xhur, u anke Marsascala, imma ma setgħax jibqa jgħix hemm għax hu kien qed jispiċċa jħallas iktar kera, u hu w l-għarusa li kellu kienu jagħmlu ħafna ħsara. Jgħid li kien mar jgħix il-Gżira u l-attur kien mar jibkilu biex jirreġistrah biex jgħix miegħu għax il-kuntratt li kellu Marsaskala ġie terminat. Jgħid li huma kienu jaqsmu kamra, iżda l-attur ħallas kera biss darba, u dan wara tmintax-il xahar. Jgħid li meta kien jgħix miegħu l-attur kważi qatt ma kien ikollu flus jew xogħol, iżda hu kien jafdah u jqisu daqs huh iż-żgħir. Jgħid li miegħu kellu anke *Revolut Card* u dan għalkemm ħafna nies kienu jwissuh biex joqgħod attent. Meta xogħolu beda jaqbad sew, hu kien kellem lill-*accountant* tiegħu biex tgħin lill-attur għax ma kellux il-VAT number *up-to-date*, u kien anke ħallaslu għas-servizzi fil-bidu, iżda l-attur kien iġġeieled minn magħha u keċċietu l-barra. Jgħid li l-attur spiss kien imur l-uffiċċju tiegħu u kien ingwalha mal-*office administrator* tiegħu ta' dak iż-żmien. L-attur kien ukoll jissellef il-karozza tieghu u kien hemm drabi li jqum bil-lejl u ma jsibx iċ-ċwievet, iżda meta mbagħad iċċekkja mal-kumpanija assikuratriċi tiegħu biex iżid ismu fuq il-polza, din infurmatu li kien għadu taħt l-eta' u għalhekk ma kienx baqa' jħalli ċ-ċwievet barra mill-kamra. Jgħid li l-attur kien joħlom li jkollu flotta ta' *taxis* u kien jibkilu biex jgħinu. F'dan il-mument il-konvenut kien ħadlu r-*Revolut card*. Jgħid li kien qabel ukoll li jselfu €7,000 bil-kundizzjoni li jiffirma *refund agreement* li kienet għamlitlu ommu bl-Għarbi. L-attur kien iffirma iżda qatt ma ħalsu lura. Dwar dan il-konvenut kien fetaħ kawża Rik. Nru 172/2023VGA fl-ismijiet Mustafa Abuseadah vs Ashraf Sharif

[25] A fol 55 *et seq* tal-proċess.

Mohamed Elshenawy, fejn l-attur ġie kkundannat iħallas €7000 lilu flimkien mal-ispejjeż u l-imgħax. Jgħid li l-proċeduri odjerni nfteħu biss bħala ritaljazzjoni għal dawk preċedenti, u dan fuq bażi ta' *invoices* fabbrikati. Jgħid li l-attur dejjem għex minn fuq dahru, u li mbagħad kien ikkollabora ma' ex-kollega tiegħu billi kien jittrasferilu informazzjoni kunfidenzjali meta dan kienu imur l-uffiċċju tiegħu bi skuża li qed jittallab flus għall-karozza. Jgħid li l-attur u Hemanta Bhandari kienu għamlulu sabutaġġ fuq l-*online portal* ta' Identita' li qiegħda preżentement tiġi investigata. Jgħid li l-attur qatt ma provda xi servizz kuntrattwali lilu jew lis-soċjeta' konvenuta, u għalhekk qatt ma ħareġ *invoices* proprji peress li ma ġie reż ebda servizz. Jgħid li l-*invoice* eżebita mill-attur għandha wkoll żball fil-kalkolu tal-VAT, oltre mill-fatt li sa fejn jaf hu l-attur kienet reġistrat bħala *exempt*.

Illi xehdet il-komputista **Kirsten Dalmas** bil-mezz tal-affidavit[26]. Tispjega illi ilha toffri s-servizzi tagħha lill-konvenuti sa minn Ġunju 2021, u li sa fejn tinsab infurmata hi, f'kemm ilha tieħu ħsieb il-kontijiet, l-attur qatt ma ġie ngaġġat sabiex jagħti xi servizzi ta' trasport lill-impjegati tas-soċjetà konvenuta. Tgħid ukoll li l-attur ma kellux karozza u kien hemm drabi fejn kien jissellef dik tal-konvenut waqt li kien qed jgħix miegħu, u dejjem bl-impressjoni li kienu ħbieb. Tikkonferma wkoll li l-konvenut qatt m'għaddielha xi *invoices* mingħand l-attur sabiex jiżdiedu fl-ispejjeż tal-kumpanija.

Illi kompliet tixhed in eżami[27] l-istess **Kirsten Dalmas** bħala espert *ex parte* dwar il-fattura preżentata mill-attur fil-proċeduri odjerni. Tispjega li qabel ġara dan kollu l-attur kien klijent tagħha u għalhekk hija taf li hu kien eżentat mill-VAT, u għadu hekk peress li ċċekkjat riċentement ukoll. Tispjega li VAT number provdut huwa korrett, iżda m'għandux ikollu l-ittri 'MT' peress li dan m'huwiex

[26] A fol 60 tal-proċess.
[27] A fol 64 *et seq* tal-proċess.

numru tal-VAT ai termini tal-Artikolu 10. Għalhekk dan ifisser li l-fattura ma setgħatx tinżamm l-ebda somma rappreżentanti VAT, u l-fatt li għamel dan imur kontra l-liġijiet tal-VAT. Oltre minn hekk tispjega wkoll li anke r-rata ta' VAT hekk imniżżla fl-*invoice* hija waħda inkorretta kieku kien każ fejn setgħet tinżamm il-VAT kellha tkun dik ta' 18%, u mhux 5% kif jidher ġara f'dan il-każ. Tgħid li sa fejn taf hi nies eżentati mill-VAT lanqas jistgħu joħorġu *invoice*, iżda riċevuta fiskali biss. Tgħid li l-persentaġġ ta' VAT ta' 5% tapplika biss fuq l-ikel, u ċertament mhux għal servizzi ta' trasport.

Illi xehdet omm il-konvenut **Mahdeya S. A. Alnawati** bil-mezz tal-affidavit[28]. Titlaq billi tgħid li għalkemm hija tgħix fl-Emirati Għarab Magħquda, hi tiġi Malta spiss u tagħmel żmien twil tgħix ma binha. L-aħħar li ġiet Malta kien bejn Novembru 2022 u Marzu 2023, u kienet toqgħod miegħu fl-appartament, u dan kien l-istess żmien li l-attur kien jgħix miegħu. Tgħid li dawn kienu qishom ħbieb, iżda ma ħassitx li l-attur huwa bniedem affidabbli peress li ma kienx jaħdem u kien jgħix mal-konvenut mingħajr ma jħallas xejn, dan kellu wkoll tifel iżda ma kellux biex iħallas il-manteniment. Il-konvenut kien joħroġ għax-xogħol kuljum iżda l-attur qatt ma mar miegħu, u tkompli tgħid li l-attur iktar kien joħroġ filgħaxija u kien anke jieħu l-karozza tal-konvenut regolarment għax kien jgħid li l-karozza li kellu kienet fi stat ħażin. L-attur kien anke jitlob lill-konvenut il-flus għall-manteniment u dan kien jgħinu, u binha kellu anke *credit card* fuq isem l-attur. Tispjega li fil-ħames xhur li għamlet tgħix ma binha qatt ma semgħet diskors li setgħa jagħtiha x'tifhem li l-attur kien qed jaħdem mal-konvenut. Tikkonferma wkoll li binha kien sellef is-somma ta' €7,000 lill-attur sabiex jagħmel depożitu fuq karozza, tant li kienet hi li kitbitilhom skrittura bl-Għarbi – u fuq dawn il-konvenut kien fetaħ proċeduri legali u kien rebaħhom. Tgħid li

[28] A fol 61 *et seq* tal-proċess.

minn Novembru 2022 sa Marzu 2023 l-attur kien jgħix mal-konvenut, tant li kien mar miegħu biex wassluha l-ajruport meta telqet.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi magħmul dan ir-riassunt imiss li jiġu nvestigati l-prinċipji legali li jsawru l-każ, eżami dan li jinneċessita wkoll ħarsa lejn id-difiżi rispettivi.

Illi jidher, għal dak li jikkonċerna l-aspett legali ta' din il-kwistjoni li l-azzjoni tal-attur hija dik għall-ħlas ta' servizzi allegatament reżi minnu lill-konvenuti, għal liema servizzi ħlas baqa' qatt ma sar. Rispettosament lejn l-attur, din il-Qorti sabitha kemxejn diffiċli tifhem eżattament minn fejn jirriżultaw dawn is-servizzi hekk allegatament reżi mill-attur, u dan peress li l-ebda forma ta' prova konkreta ta' dan, żgħira kemm hi żgħira, ma ġiet imressqa mill-attur, għajr għal sensiela ta' dikjarazzjonijiet minnu, minn missieru u minn ex-impjegat tas-soċjetà' konvenuta.

Illi huwa fatt li min jippresta s-servizzi tiegħu proprji, taħt kwalsiasi forma u għall-benefiċċju ta' xi ħaddieħor li jkun inkarigah biex jagħmel dan, għandu jiġi mħallas ta' xogħolu. Dan qed jingħad anke *in linea* mal-massima tradizzjonali magħrufa bħala "*omnia labor optat premium*"[29], prinċipju li ma jistax jiġi

[29] Ara f'dan is-sens is-sentenza **<u>Executive Security Services Limited vs Cavendish Hotels Limited</u>** (Rikors Nru 496/2021) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Diċembru 2021 (mhux appellata). Fuq l-istess prinċipju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **<u>Nutar Dr Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd *et*</u>** deċiża nhar l-20 ta' Novembru 2009 (App Ċivili Nru 532/2005/1), intqal, *"Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta sservizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg għall- principju illi omnia labor, optat premium."*

faċilment skartat[30], għad li min ikun qiegħed jitlob il-ħlas irid naturalment juri li x-xogħol ikun verament twettaq[31].

Illi jirriżulta ċar mill-provi in atti li hemm diskordanza bejn il-verżjoni tal-attur u dik tal-konvenut. F'każijiet bħal dawn, il-Qorti għandha toqgħod fuq dawk il-kriterji soliti tal-probabbilitajiet u verosimiljanza[32] u għandha tislet xi prova oġġettiva oħra li tkun temerġi mill-proċess. Dan jingħad għaliex din il-Qorti hija marbuta bl-aqwa prova[33]. Oltre minn hekk, fejn il-Qorti tkun rinfaċċata

[30] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Improved Design Contractors vs Bellaviti & Improved Design Limited,** (Rik Nru: 201/2004) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Lulju 2004 (mhux appellata).

[31] F'dan is-sens isir riljev għal dak li ġie mfakkar fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Mark Refalo *noe* vs European Insurance Group Ltd,** (App Ċiv Nru: 859/12/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-7 t'' Diċembru 2023 u ċioé: *"B'hekk, fuq is-saħħa tal-prinċipju li omnia labor optat premium, ma jista' jkun hemm ebda ħlas dovut lilu ġaladarba huwa ma ġabx prova li dak ix-xogħol tassew twettaq*". Bl-istess mod issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Kevin Sammut *et* vs Epsilon Malta Ltd,** (App Ċiv Nru: 72/2019/1 ) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-16 ta' Jannar 2025 fejn ingħad hekk: *"Naturalment kien jaqa' fuq spallejn l-atturi li juru b'mod tanġibbli li huma tassew wettqu x-xogħol kollu li tiegħu qegħdin jitolbu l-ħlas".*

[32] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta vs Francis Difesa** (Ċit. Nru. 910/1989/1) mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fir-28 ta' Mejju 2003 (mhux appellata), fejn ġie ritenut hekk: "*Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji talkredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq ilbilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.";"*. Hawnhekk issir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Emanuel Vella *et* vs Robert Zammit *et*** (App. Ċiv. Nru. 961/13/1) tas-26 ta' Ottubru 2022.

[33] Artikolu 559 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Issir referenza wkol għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Assunta Spiteri *et* vs Jeffrey Zammit *et*** (Appell Nru. 33/13) fejn intqal li *"F'sentenza fl-ismijiet Joseph Borg et vs Joseph Bartolo l-imsemmi Onorevoli Mhallef specifika illi: "fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' pro i l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx lispjegazzjoni imma jekk lispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja." [Appell Sede Inferjuri, Joseph Borg et vs Joseph Bartolo, 25 ta' Gunju 1980]; "Meta qorti tkun rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti, kif intqal filkawza fl-ismijiet Maria Xuereb et vs Clement Gauci et (Qorti talAppell Inferjuri, Imhallef Dr. Philip Sciberras, 24 ta' Marzu, 2004) ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: • "Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli*

b'żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti[34], u fejn dawn jitqiesu affidabbli, għandha tagħti piż favorevoli għal dak ritenut mill-konvenut in vista tal-massima *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*[35].

Illi filwaqt li huwa aċċettat li x-xhieda *ponderantur non numerantur*[36], bl-istess mod huma mifhmum li awtorità ġudikanti ma tistax tintalab tistrieħ biss fuq sempliċi dikjarazzjonijiet[37], meta l-provi setgħu kienu oħra u aktar. Wara

---

*u attendibbli minn ohra; u • "Fin- nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur. "Fi kliem iehor ilQorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji talkredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konviciment talgudikant."*

[34] Hawnhekk issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici *et* vs William Rizzo *et*** (Rik. Nru. 984/1994/1 mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April 2004 (mhux appellata).

[35] Hawn issir referenza għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Fenech Oil and Petroleum Co Limited vs Euch. Zammit Company Limited *et*** (App. Ċiv. 933/2015/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-8 ta' Mejju 2025.

[36] Fost diversi, isir riljev għas-sentenza fl-ismijiet issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet għas-sentenza fl-ismijiet **Moviment Azzjoni Soċjali vs Noel Borg**, (App Ċiv Nru: 188/2007/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-18 ta' Lulju 2004 fejn ġie mfakkar hekk: *"F'dan l-istadju huwa opportun li jigi senjalat li f'materja ta' xhieda u apprezzament tal-provi, japplika l-principju li x-xhieda ponderantur non numerantur, li jfisser li, minkejja li parti tkun ressqet diversi xhieda, il-Qorti tista' tikkunsidra bhala veritiera ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, kemm-il darba tkun konvinta li dak ix-xhud ikun qed jghid il-verita`",* kif ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Gaetano Micallef vs Martha Micallef**, (Rik App Nru: 55/2007/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-7 ta' Frar 2019 fejn ġie mtenni hekk: *"Fl-aħħar hija opportuna l-osservazzjoni, li l-apprezzament tal-provi mhuwiex xi eżerċizzju matematiku fissens li l-qorti ġudikanti għandha bilfors taċċetta versjoni jew oħra skond in-numru ta' xhieda li jsostnu tali verżjoni, iżda ix-xhieda ta 'xhud wieħed, jekk emmnuta, tista' tkun biżżejjed sabiex l-ewwel Qorti isserraħ il-konklużjoni tagħha fuq il-verżjoni mogħtija minn dak ix-xhud; dan hu in linea mal-prinċipju li x-xhieda, ponderantur non nemunerantur."*

[37] Kif tajjeb ġie mfakkar fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Jeremy J. Debono *pro et noe* vs Pool & Spa Supplies Limited *et***, (Rik App Nru: 183/2009/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Frar 2024 fejn ingħad hekk: "*Normalment, sempliċi dikjarazzjonijiet li ma jkunux sostnuti minn provi oħra konkreti, diffiċilment inisslu fil-ġudikant dak ilkonvinċiment morali meħtieġ sabiex tali allegazzjoni tingħata l-kredibilità mixtieqa, aktar u aktar meta l-provi fl-atti aktar jagħtu sostenn lit-teżi tal-kontroparti. Wara kollox, il-kawżi jiġu deċiżi fuq provi u mhux sempliċi dikjarazzjonijiet (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet Fimbank p.l.c. v. Arex LLP et.)"* F'dan is-sens utli l-kliem li jgħid l-awtur **Giorgio Bianchi** fejn ġustament jispjega li *"Le dichiarazioni pro sé hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte*." – **La Prova Civile**, CEDAM, 2009, a fol 172.

kollox, id-disponibbilita' tal-provi hija mħollija fil-poter dispożittiv tal-parti[38]. Fi kliem ieħor, awtorità ġudikanti, tista' toqgħod biss fuq dak li jiġi provdut għaliex trid tiddeċiedi *secundum acta et probanda*[39] .

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-attur kellu l-ewwel u qabel xejn juri li huwa ġie ingaġġat biex jagħmel servizz (anke jekk mhux b'kuntratt bil-miktub) u li effettivament huwa ppresta xi xogħol a benefiċċju tal-konvenut[40]. Fi kliem ieħor, sabiex din il-Qorti tasal tagħraf u ssib li hemm lok għal p*remium* kellha l-ewwel tiġi sodisfatta li effettivament kien hemm *labor*. Dan kien dover ikbar fuq l-attur peress li l-konvenuti jiċħdu b'mod kategoriku li kien hemm din ir-relazzjoni[41].

---

[38] Kif tajjeb jgħid il-ġurista Francesco Ricci fl-opra tiegħu **Commento al Codice di Procedura Civile Italiano** "*Il convenuto puó difendersi in doppio modo; respingendo ċioé semplicement le contrarie pretese, ovvero elevando altre pretese che elidano quelle dell' attore. Nella prima iportesi, nulla affera, ma nega quanto ha aserito l'attore; quindi a lui non puó farsi carico di prova alcuna. Nella seconda invece, il convenuto non solo nega, ma afferma a sua volta; ed é giusto che tale affermazione, in omaggio al principio d'eguaglianza, non proca effetto se non sia provata"* – Vol II, Delle Prove, Delle Sentenze e Dei Mezzi Per Impugnarle, Eugenioe e Filippo Cammelli, 1886, a fol 9. Mix-xena lokali mbagħad issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bezzina *et* vs John Portelli *et***, (App Ċiv Nru: 1934/2005/1) mogħtija millQorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Mejju 2007 fejn ġie mfakkar hekk: *"Ma jidherx li hemm ghalfejn jigi ripetut illi f' kull djalettika processwali hu mholli fil-poter eskluziv u dispositiv tal-parti l-prova li tixtieq tipproduci u jekk hu veru li l-gudikant irid jiddeciedi in bazi ghall-provi sottoposti lilu, il-principju imperanti jibqa' dak generali fis-sens li l-oneru talprova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega, sija ghas-sostenn tad-domanda, sija ghat-tishih ta' l-eccezzjoni."* Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Fallon Grech Blackman vs Lara Filletti**, (App Ċiv Nru: 474/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2004 fejn dwar dan intqal hekk: *"B'danakollu dan ma jfisserx, ukoll, illi kien hemm xi obbligu fuq it-Tribunal f'dan il-kaz li jikkonduci hu l-provi tal-partijiet."*

[39] *Iudex iudicet secundum alligata et probata partium* – Il giudice giudichi secondo quanto le parti hanno dedotto e provato. - Brocard 2366, **Dizionario Dei Termini Giuridici e Dei Brocardi Latini**, Edoardo Mori, VII ediz, 2011, a fol 229.

[40] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Thomas Engelhardt *nomine* vs Hyperion Aviation Limited**, (App Ċiv Nru: 384/15/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-14 ta' Diċembru 2022.

[41] F'dan is-sens issir referenza fost oħrajn għas-sentenza fl-ismijiet **Paul Aquilina *et* vs Anthony Pavia *et*,** (App Ċiv Nru: 757/2001/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Novembru 2006 fejn ġie mfakkar hekk: "*Fejn jezisti kuntrast fuq ix-xoghlijiet ezegwiti jinkombi fuq l-attur il-piz li jipprova l-entita` u l-konsistenza taghhom";*

Illi l-Qorti kienet tippretendi li f'każ bħal dak tal-lum l-attur kien iressaq xi forma ta' prova konkreta għat-talba tiegħu, lil' hemm minn testimonjanza ta' missieru li ftit ta' xejn tefgħet dawl fuq il-pretensjoni tal-attur u dik ta' persuna oħra li kienet impjegata u jidher li spiċċat ħażin minn mal-konvenut. Kien ikun t'għajnuna għall-attur, pereżempju li jressaq xhieda tal-impjegat tas-soċjetà konvenuta sabiex dawn ifornu provi dwar dan ix-xogħol. Ma kien hemm xejn li jwaqqaf lill-attur milli jressaq dawk l-impjegati kollha li jgħid u huwa wassal l'hemm u l'hawn jew biex jixhdu dwar kemm kien idum fl-uffiċini. Kif diġà intqal, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem[42] lil min jallegah[43].

Illi ta' min iżid ukoll li l-attur mhux biss naqas milli jressaq provi sodisfaċenti f'għajnejn din il-Qorti sabiex jilħaq il-livell ta' prova hekk rikjest, iżda talli għażel ukoll li ma jagħmilx kontro-eżamijiet lill-ebda wieħed mix-xhieda hekk imressqa mill-konvenuti. Il-kontro-eżami huwa għodda importanti li l-liġi tippermetti lill-parti relattiva[44], u li f'dan il-każ, in vista tan-nuqqas ta' provi

[42] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Martin Mifsud *et* vs Marika Almerigo** (Rik. Nru. 225/2008) mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' April 2013 (mhux appellata) fejn ingħad hekk: *"Min jallega jrid jipprova – qui allegat probat. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur ta' l-artikolu 562 tal-Kap 12. L-artikolu 559 ukoll jipprovdi li l-Qorti gahndha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib. Ukoll, fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Appell Sede Inferjuri, 27 ta' Gunju, 1953 insibu: "ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"." Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tieghu. Mhux necessarju dak li jirrikjedi l-kamp kriminali li ssir prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli."*

[43] Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[44] Kif tajjeb poġġietha il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza tagħha ta' **Antoine Camilleri *et* vs Albert Camilleri,** (App Ċiv Nru: 159/2017/1) nhar is-6 ta' Ġunju 2024 fejn ġie mfakkar hekk: *"Dan il-fatt idgħajjef l-aggravju tal-atturi appellanti, għaliex ladarba naqsu li jinqdew bl-għodda rimedjali li tagħtihom il-liġi ma jistgħu jwaħħlu f'ħadd. Jingħad li: «Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness' evidence in chief.... it is counsel's duty, in every case (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the*

miġjuba mill-attur, dawn setgħu ikunu forma ta' sostenn għat-talba reklamata mill-attur kieku kien hemm xi element ta' veraċita'[45] f'dak li ngħad minnu.

Illi hemm kwistjoni oħra. L-unika prova dokumentarja li għoġbu jressaq l-attur kienet il-fattura annessa mal-Avviż. Ħareġ ċar, u frankament spiċċa anke ammess mill-attur, li din kellha ħafna nkonsistenzi serji, u dan kif irriżulta partikolarment mix-xhieda tal-*accountant* pubbliku Kirsten Dalmas, xhieda li bl-ebda mod ma ġiet kontradetta mill-attur. Tali inkonsistenzi joħorġu primarjament mill-fatt illi kif jikkonferma l-attur stess in kontro-eżami[46] hu f'ismu proprju dejjem kien u sal-lum għadu reġistrat bħala eżentat mill-VAT u għalhekk ċertament li f'din l-istess fattura hu ma setgħax jinkludi l-ebda ammont rappreżentanti ħlas ta' VAT. It-tieni nett, jirriżulta wkoll illi mhux biss ma seta' qatt jitniżżel ebda ammont rappreżentanti VAT, iżda talli anke kieku kellu jitqies bħala affidabbli li kellha tiġi inkluża l-VAT f'din il-fattura, dan ukoll sar għal valur żbaljat u dan peress li kif joħroġ mill-atti, il-VAT skont kif imniżżla fil-fattura hija dik ta' 5%, u mhux 18%, il-persentaġġ dovut għal servizzi ta' trasport. Fil-waqt li l-attur waqt il-kontro-eżami u waqt it-trattazzjoni orali jittentaw jasserrixxu li dan kien *lapsus calami*, din il-Qorti ma temminx li dan kien il-każ.

Illi biex ikun ingħad kollox, fil-fehma tagħha, l-Qorti għandha xamma serja, li dan il-każ ta' llum ma kien xejn għajr ritaljazzjoni ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuti fid-dawl ta' proċeduri legali oħra bin-numru 172/2023VGA fl-ismijiet inversi, fejn l-attur ġie ordnat li għandu jħallas is-somma ta' €7,000 lill-konvenut, liema proċess huwa llum *res judicata* peress li ma sar ebda appell

*truth of counsel's case» (Murphy On Evidence – ta' Peter Murphy, Oxford University Press, 8th Edition, 2003 page 597)".*

[45] Jgħoddu hawnhekk kliem l-awtur **Giorgio Bianchi** meta jgħid li *"L'interrogatorio formale ha la finalitá di provocare la confessione e cioé una dichiarazione affermativa che assume valore di prova legale."* – CEDAM, 2009, a fol 172.

[46] A fol 71 *et seq* tal-proċess.

minnu. Din il-Qorti tqis li din il-kawża saret propju għaliex l-attur kien jaf li probabbilment kienet ġejja kawża kontriħ[47].

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-vertenza billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiċħad it-talba tal-attur.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-attur Ashraf Elshenawy.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[47] Din il-kawża infetħet fit-30 ta' Ġunju 2023. L-oħra infetħet fit-12 ta' Lulju 2023.